MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 81/2019 LM

**Andrew Vassallo General Trading Limited (C 45790)**
*('l-appellata')*

***vs*.**

**Christopher Mifsud (K.I. nru. 278082(M))**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat Christopher Mifsud **(K.I. nru. 278082(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] (a) mis-sentenza parzjali mogħtija fit-12 ta' Novembru, 2020, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza parzjali'] mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-ewwel Qorti'], fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tiegħu fir-rigward tat-talba tas-soċjetà rikorrenti

Andrew Vassallo General Trading Limited **(C 45790(M))** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'] fil-konfront tiegħu magħmula permezz tar-rikors ippreżentat fis-6 ta' Mejju, 2019, u (b) mis-sentenza fil-mertu mogħtija fl-24 ta' Ottubru, 2022, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza fil-mertu'] fejn l-imsemmija l-ewwel Qorti ddeċidiet kif ġej:

*"...tastjeni milli tieħu iktar konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni, qiegħda tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut biss safejn huwa kompatibbli ma' dak hawn deċiż iżda tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra fir-Risposta tiegħu u konsegwentement, tilqa' parzjalment it-talba tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lill-konvenut CHRISTOPHER MIFSUD iħallsha s-somma ta' sitt elef ħames mija u tnejn u disgħin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€6,592.94) għar-raġuni msemmija fir-rikors promotur, bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-istess Rikors, ċioé 6 ta' Mejju 2019 u bl-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut."*

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw pretensjoni għall-ħlas ta' debitu fis-somma ta' €6,957.94 jew somma oħra li tista' tiġi likwidata mill-Qorti għal xogħlijiet ta' *aluminium* jew PVC u xogħlijiet oħra eżegwiti mis-soċjetà rikorrenti fuq inkarigu tal-intimat.

## Mertu

3. Is-soċjetà rikorrenti istitwiet dawn il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta' rikors fis-6 ta' Mejju, 2019 fejn ħarrket lill-intimat sabiex jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn dik il-Qorti sabiex:

*"...tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' sitt elef, disa' mija sebgħa u ħamsin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€6,957.94) jew kull somma oħra verjuri li tiġi likwidata minn din il-Qorti sal-kompetenza massima tagħha, rappreżentanti bilanċ tal-prezz ta' xogħlijiet ta' aluminium jew PVC u xogħlijiet oħra eżegwiti mis-soċjetà rikorrenti favur il-konvenut, kollox skont rendikont hawn anness u markat Dokument "A".*

*Bl-ispejjeż bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.*

*Inti nġunt ukoll biex tidher għas-subizzjoni."*

4. L-intimat eċċepixxa li (a) it-talba kienet preskritta *ai termini* tal-artikolu 2148 u subordinament tal-artikolu 2149 tal-Kap. 16; mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti (b) it-talba tas-soċjetà appellata kienet infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan fost raġunijiet oħra għaliex ix-xogħol eżegwit ma kienx skont is-sengħa u l-arti; (ċ) ix-xogħlijiet ma sarux skont il-ftehim bejn il-partijiet; (d) l-ebda imgħaxijiet m'għandhom jiddekorru għaliex huwa qatt ma kien ġie notifikat b'att ġudizzjarju; (e) l-ebda ammont għalhekk ma kien dovut; (f) u dan salv eċċezzjonijiet oħra.

**<u>Is-Sentenzi Appellati</u>**

5. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza parzjali billi kkunsidrat is-segwenti:

*"Illi bl-ewwel eċċezzjoni tiegħu fir-Risposta għar-Rikors promotur (fn. 1 3 ta' Lulju 2018, fol. 7), il-konvenut jeċċepixxi illi l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema preskrizzjoni ġġib l-estinzjoni tal-azzjoni b'għeluq ta' tmintax -il xahar fil-każ ta':-*

"l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara, u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu."

*Sussidjarjament, il-konvenut jinvoka wkoll il-preskrizzjoni msemmija fl-artikolu 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili, li jiddisponi li l-azzjonijiet segwenti jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn:-*

"l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu."

*Jinsab paċifikament ritenut (fn. 2* ***Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello*** *- Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), deċiża 13 ta' Marzu 2009.) illi meta l-konvenut jeċċepixxi l-preskrizzjoni, il-Qorti qabel xejn trid teżamina jekk il-preskrizzjoni eċċepita hijiex opponibbli għat-talba u għall-azzjoni kif imfassla u, f'każ affermattiv, għandha tipproċedi biex tiddetermina d-data li minnha għandu jitqies li dak it-terminu preskrittiv beda jiddekorri (jekk il-preskrizzjoni m'hijiex altrimenti sospiża ai termini tal-artikoli 2123 et seq. tal-Kodiċi Ċivili) kif ukoll jekk dak it-terminu, jekk iddekorra, ġiex interrott għal motiv dedott mill-parti kontra min ġiet sollevata l-eċċezzjoni.*

*Jinsab ukoll assodat illi meta l-Qorti tiddetermina li l-preskrizzjoni partikolari eċepita mill-konvenut, m'hijiex dik applikabbli għall-azzjoni, m'huwiex kompitu tagħha li tindaga u tistabbilixxi hija stess liem hija l-preskrizzjoni applikabbli, għaliex huwa vjetat it-tqanqil u applikazzjoni* ex officio *mill-Qorti tal-preskrizzjoni (Artikolu 2111 tal-Kodiċi Ċivili). In-natura odjuża tal-eċċezzjoni teżiġi wkoll li tingħata interpretazzjoni u tifsira restrittiva tal-eċċezzjoni, b'mod illi kull dubju dwar l-applikabbilità taż-żmien preskrittiv minn dak li jirriżulta mill-atti, għandu jmur kontra l-eċċipjenti tal-preskrizzjoni.*

*Ikkunsidrat;*

*In materja tal-preskrizzjoni kontemplata mill-Artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16, il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna hija konkordanti fis-sens illi dan l-Artikolu ma jikkontemplax bejgħ la bl-imnut u lanqas bl-ingrossa (fn. 4* ***Euro Concrete Blocks Limited vs Montebello Tyres Limited et****, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Marzu, 2016), iżda jolqot biss il-krediti tal-artefiċi msemmija fis-subinċiż relattiv, li jipprestaw l-opera tagħhom. F'dan is-sens, dan l-Artikolu ma japplikax lanqas għall-każ ta' sempliċi fornitura ta' materjal mill-appaltatur tal-opra li għaliha l-materjali jkunu servew (fn. 5* ***Lawrence Formosa et vs Anthony Borg pro et noe****, deċiża mill-Qorti tal-Appell, 27 ta' Jannar 1997).*

*Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ huwa evidenti li t-talba tas-soċjetà attriċi m'hijiex sempliċiment għall-ħlas ta' kreditu għall-prestazzjoni tal-opra tagħha u li l-ħlas mitlub m'huwiex dovut minn artefiċi li ppresta* <u>*biss*</u> *l-opera tiegħu. Huwa fatt mhux ikkontestat u jirriżulta b'mod evidenti mir-Rikors promotur innifsu kif ukoll mix-xhieda*

*tal-konvenut (fn. 6 Xhieda 28 ta' Novembru 2019) u mid-dokumenti esebiti minnu stess (fn. 7 Dok. CM1, fol. 33, 34), illi għalkemm is-soċjetà attriċi ġiet inkarigata mill-konvenut sabiex timmanifattura u tissupplixxi xogħol konsistenti fost oħrajn f'bibien u aperturi ta' aluminium jew PVC, hija forniet ukoll il-materjal biex timmanifattura dawn l-aperturi, fosthom materjal ta' injam, ħġieġ u* sliding net.

*Illi l-Qrati tagħna minn dejjem għarfu d-distinzjoni li teżisti bejn id-dispost tal-liġi fl-Artikolu 2148(a) u d-dispost tal-Artikolu 2149(a) in materja ta' preskrizzjoni, (fn. 8 Ara* ***Evan Balzan vs Mary Grace Farrugia****, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenza tal-25 ta' Frar 2015, li ċitat inter alia minn sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ riportata fil-****Vol. XLII P III p. 1151)****, liema disposizzjonijiet għalkemm għandhom ċerta affinità bejniethom, jippreskrivu terminu ta' preskrizzjoni differenti għall-estinzjoni tal-azzjoni relattiva. L-insenjament paċifiku in materja jirritjeni illi l-preskrizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2148(a) tapplika għal krediti ta' artifiċi li jipprestaw l-opra tagħhom, filwaqt li fil-każ tal-Artikolu 2149(a):-*

"… … … il-preskrizzjoni tirriferixxi għall-krediti ta' dawk li fihom tkun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xogħol ('opus') mingħajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xogħlijiet u mingħajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet." *(fn. 9* ***Evan Balzan vs Mary Grace Farrugia****, supra)*

*Is-sentenza ċelebri in materja tad-definizzjoni tal-krediti kolpiti bil-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2148(a) a differenza minn dawk kolpiti bil-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2149(a), hija dik riportata f'Vol. XXXVIII P. III p. 710, fejn intqal illi l-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2148(a):-*

"… … … tirriferixxi għal-lokazzjoni ta' opera li biha dawk il-persuni jkunu obbligaw ruħhom li jagħtu x-xogħol tagħhom, u mhux għal-locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruħu li jagħti, mhux ix-xogħol, iżda <u>l-prodott tax-xogħol</u> - meta l-lokazzjoni d' opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi tekniċi li timprimi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oġġettivament kummerċjali." *(fn. 10 Citata fis-sentenza* ***Langdale Limited vs Jon David Limited*** *deċiża (Appell Inferjuri) fit-3 ta' Novembru 2005) [enfasi ta' din il-Qorti]*

*Illi miżmum ferm il-premess, huwa manifest li l-azzjoni tal-attur għall-ħlas tal-kreditu naxxenti min-negozju konkluż bejn il-partijiet m'hijiex kolpita bil-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut a tenur tal-Artikolu 2148(a), u dan għaliex għan-negozju konkluż bejn il-partijiet jidher li kien wieħed ta'* locatio operis *(fn. 11 L-Artikolu 1633 tal-Kapitolu 16 jipprovdi illi:-* "Meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol, jista' jiġi miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal.") *fejn is-soċjetà attriċi, kif ġià ngħad, ipprestat kemm l-opra tagħha kif*

*ukoll il-materjal meħtieġ biex tissupplixxi finalment il-prodott tax-xogħol tagħha (opus).*

*Konformement, il-Qorti tqis illi l-fattispeċji ta' dan il-każ jirrientraw taħt il-kappa tas-subinċiż (a) tal-Artikolu 2149 u mhux dik tal-Artikolu 2148(a) tal-Kodiċi Ċivili.*

*Ikkunsidrat;*

*Stabbilit dan, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat jekk, kif sottomess mill-abbli difensur tas-soċjetà attriċi waqt it-trattazzjoni ta' din l-eċċezzjoni (fn. 12 Seduta 23 ta' Settembru 2020), l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tistax treġi minħabba illi (i) hija inkompatibbli mal-eċċezzjoni l-oħra sollevata mill-konvenut dwar ix-xogħol allegatament ħażin li sar mis-soċjetà attriċi (fn. 13 Ara t-tieni eċċezzjoni fir-Risposta tal-konvenut tat-3 ta' Lulju 2018) (ii) l-konvenut ma ottemperax ruħu mar-rekwiżiti tal-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 u (iii) fi kwalsiasi każ, iż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kien għadu ma għalaqx.*

*Huwa ormai paċifiku in materja illi jeżistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eċċepita ma jibqagħlha l-ebda valur meta din takkompanja eċċezzjoni oħra li magħha hija inkompatibbli. Il-Qrati tagħna ilhom konsistentement iqisu illi l-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli bl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, jekk id-debitur, billi jassumi ċertu linja ta' difiża, ipoġġi ruħu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-pożizzjoni ġuridika tiegħu mal-presupposti tal-istitut tal-preskrizzjoni.*

"Dan jiġri, tipikament, fejn l-attitudni tad-debitur ma tkunx dik tad-difiża tal-ineżistenza tad-debitu jew taċ-ċaħda tad-dritt u l-azzjoni tal-attur, iżda tas-sempliċi kontestazzjoni tal-ammont jew aħjar kif jingħad f'din il-kawża il-quantum huwa esaġerat. Konformement bħal fil-każ tal-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni, eċċezzjoni konsimili timporta rikonjizzjoni tad-dejn u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja għall-preskrizzjoni li tkun ġja kompjuta." *(fn. 14 Vide* ***Peter Busuttil vs Public Broadcasting Services Limited****, deċiża fit-28 ta' April 2004 mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri)*

*Fis-sistema legali lokali huwa rikonoxxut illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija kompatibbli biss mal-eċċezzjoni tal-ineżistenza totali tad-debitu. Fis-sentenza appena ċitata (***Busuttil v. Public Broadcasting Services Limited***), il-Qorti ċitat mit-Troplong ("*Prescrizione*" No. 67) illi fisser li:-*

"… … … quando il debitore senza negare in sostanza di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, vi ha rinunzia tacita alla prescrizione".

*Fil-fehma tal-Qorti, l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li x-xogħol mertu tal-kreditu pretiż ma sarx skont is-sengħa u l-arti u skont dak pattwit bejn il-partijiet, jimplikaw*

*rikonoxximent li hemm xi xejra ta' kreditu li huwa eżistenti, għad mhux fl-ammont mitlub jew f'ammont ferm inferjuri minn dak reklamat.*

*Il-Qorti tifhem illi din ix-xorta ta' eċċezzjoni hija inkompatibbli u irrikonċiljabbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għaliex timporta rikonoxximent tal-eżistenza ta' xi forma ta' kreditu.*

*Jingħad ukoll illi l-insenjament in materja huwa paċifiku fis-sens illi l-konvenut huwa prekluż milli jeċċepixxi l-preskrizzjoni meta jirriżulta li hu ma jkunx għadu ħallas il-prezz sħiħ. Fir-rigward, il-Qorti tal-Appell f'sentenza reċenti* (fn. *15 Sede Inferjuri:* ***Burmarrad Commercials Limited vs Claude Camilleri****, deċiża 29 ta' Lulju 2016), fissret hekk:-*

"L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva tippreżumi ħlas [ara sentenza tal-Prim'Awla fil-kawża **Vincenzo Chircop vs Simeone Azzopardi** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-25 ta' Frar 1920 (Vol. XXIV.i.373)2], ċjoe' l-estinzjoni tal-obbligazzjoni.
… … …
Fil-fehma tal-qorti b'dan il-kliem l-appellat ikkonferma li **ma ħallasx il-kera**. Fis-sentenza **Vincenzo Chircop vs Simeone Azzopardi (**25 ta' Frar, 1920, Volum XXIV.i.373), intqal:- 'che il convenuto …. ha confessato di non aver pagato fitto …. e quindi avendo confessato di non aver pagato, egli è precluso dal poter eccepire la prescrizione quinquennale che egli oppone, la quale è prescrizione presuntiva di pagamento ed è inconciliabile colla confessione di non aver pagato…'
… … …
Id-dikjarazzjoni tal-appellant li ma ħallasx, m'hijiex kompatibbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva kontemplata fl-Artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 tal-Kodiċi Ċivili li jippreżumu l-ħlas. Dak li japplika fil-każ fejn id-debitur jingħata l-ġurament (Artikolu 2160 tal-Kodici Civili), il-qorti ma tarax għalfejn m'għandux japplika wkoll fejn id-debitur jixhed minn jeddu.

L-għoti ta' raġuni għalfejn ma sarx il-ħlas, mhuwiex rilevanti. Fis-sentenza **Zammit and Cachia Trading Co. Ltd et vs Mizzi**, deċiża minn din il-Qorti fis-7 ta' Diċembru 2005, intqal: ""Il-konvenut ex confessis jammetti li huwa ma ħallasx u offra l-ispjegazzjoni tiegħu għal dan in-nuqqas ta' pagament, allavolja ma ntalbet ebda raġuni mingħandu dwar dan. Biex wieħed jissellef mis-sentenza fl-ismijiet "**Dr. Toni Abela nomine - vs - Maurice Vassallo**", Appell, 19 ta' Mejju 2000, "li kieku l-konvenut xehed li m'għandux jagħti flus lill-attur nomine u lanqas jiftakar li għandu jagħtih, u waqaf hemm bla ħtieġa ta' spjegazzjoni ulterjuri, allura l-eċċezzjoni tiegħu kienet ċertament treġi imma hawn si tratta ta' persuna li qiegħda tistqarr biċ-ċar bil-

ġurament tagħha li ma ħallsitx. Kwindi lanqas hu każ li l-konvenut 'ma jiftakarx' li għandu jagħti xi ħaġa għax hu jiftakar li ma ħallas qatt".

*Issa fil-każ in diżamina, il-konvenut xehed hekk minn jeddu:-*

"… jiena ridt nirranġa imma jiena fuq ħsara mhux sa, ma għandix nippretendi li għandi nħallas." *(fn. 16 Xhieda 28 ta' Novembru 2019, fol. 22)*

*Imbagħad, meta ġie mistoqsi in kontro-eżami jekk kienx jaf li għat-tieni ordni ta' xogħol mingħand is-soċjetà attriċi, kien għad fadal x'jitħallas, afferma li dan hu minnu u żied jgħid ukoll illi huwa kien qed jistenna li s-soċjetà attriċi tirranġa d-difetti u x-xogħol ħażin li sar. Għalkemm il-konvenut xehed illi ma hemm l-ebda bilanċ dovut lis-soċjetà attriċi għax-xogħlijiet li wettqet, il-Qorti tosserva illi meta ġie mistoqsi biex ifisser għaliex qal li m'hemmx bilanċ x'jitħallas lis-soċjetà attriċi, il-konvenut fisser li dan qalu mhux għaliex ma hemmx bilanċ mitlub mis-soċjetà attriċi iżda:-*

"Għax il-ħsara li għamluli kienet ikbar, ikbar milli allura ma għandi nħallas xejn jien." *(fn. 17 fol. 23 u 24)*

*Konformement mal-konsiderazzjonijiet premessi, il-Qorti taqbel mas-sottomiss-joniet tas-soċjetà attriċi illi l-linja difensjonali esposta mill-konvenut hija konfliġġenti mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, liema eċċezzjoni għaldaqstant ma tistax treġġi. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li tista' tieqaf hawn u li mhux meħtieġ fiċ-ċirkostanzi illi jiġi kkunsidrat jekk, kif sottomess mil-abbli difensur tas-soċjetà attriċi, il-konvenut osservax ir-rekwiżiti tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili kif emendati bl-Att I u VII tal-2017, jew jekk iż-żmien ghall-preskrizzjoni effettivament għalqitx jew le."*

6. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza fil-mertu wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Ikkunsidrat;*

*F'materja ta' appalt, il-Qorti tal-Appell [Sede Inf.] f'sentenza deċiża fis-6 ta' Ottubru 2004, riaffermat il-prinċipju li-*

"L-appaltatur għandu l-obbligu li jeżegwixxi x-xogħol lilu kommess fis-sens li huwa għandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xogħol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. 'L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera

commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacità ordinaria.'

Dan fis-sens li għandu jiggarantixxi l-bontà tax-xogħol tiegħu; L-appaltatur li jeżegwixxi ħażin ix-xogħol li jifforma l-oġġett tal-appalt huwa responsabbli għad-dannu kollu li jiġi minn dik l-eżekuzzjoni ħażina. Għax jinsab ritenut ukoll 'f'każ bħal dan hu għandu mill-ewwel ma jagħmilx ix-xogħol jew ikollu jirrispondi għad-difetti li jiġu 'l quddiem.'

… … …

Meta allura irriżultaw dawn id-difetti… l-appaltatur jitqies in kolpa minħabba inadempiment. 'Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas tal-eżekuzzjoni, jew f'eżekuzzjoni ħażina, tal-obbligazzjoni riżultati mill-kuntratt';

… … …

Meta d-difetti huma ta' natura sostanzjali l-appaltatur mhux biss għandu jitqies inadempjenti imma wkoll li ma jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja għad-difetti fl-eżekuzzjoni tax-xogħol." *(fn. 4* ***Pierre Darmanin v. Moira Agius et****, Appell Ċivili Nru. 323/02)*

*Fis-sentenza* ***Francica vs Buhagiar****, deċiża fit-28 ta' April 2004, ġie ritenut ukoll illi:-*

"… l-appaltatur għandu jesegwixxi x-xogħol lilu kommess fis-sens li huwa għandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xogħol ikun sejjer issir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. F'każ bħal dan hu għandu mill-ewwel ma jagħmilx ix-xogħol jew ikollu jwieġeb għad-difetti li jiġu 'l quddiem, iżda ġaladarba huwa aċċetta li jaħdem ix-xogħol, dejjem jibqa' obbligat u responsabbli li jagħti lill-appaltant opera sodisfaċenti u spondet peritiam artis u hu obbligat jirreżisti kwalunkwe intromissjoni tal-komittent". *(fn. 5 Vide wkoll* ***John Borg et vs Emanuel Galea et****, Appell Ċivili deċiż 19 ta' Mejju 2009)*

*In propositu tar-rimedji tal-komittent f'materja ta' appalt, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet* ***Lawrence Formosa et vs Silvio Felice****, kienet diġà riteniet is-segwenti in materja:-*

"… kif jidher mill-ġurisprudenza in materja (ara "Mallia vs Fonk" deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta' Jannar, 1975, kif ukoll "Bugeja vs Gauci" deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 1980, u "Mallia vs Magri" deċiża wkoll minn din il-Qorti fis-7 ta' Mejju, 1981), il-Qrati tagħna kellhom okkażjoni jippronunzjaw ruħhom diversament dwar kwistjonijiet ta' din in-natura, u dana skont iċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull każ. Kif jidher mis-sentenzi fuq ċitati, il-Qorti tagħna f'ċerti każijiet ordnaw il-ħlas ta' prezz tal-appalt stabbilit "a misura" meta kien hemm difett parzjali mhux sostanzjali fix-

xogħol, iżda awtorizzaw lill-komittent jirritjeni parti mill-prezz sakemm l-appaltatur isewwi d-difetti. F'każijiet oħra, fejn ix-xogħol ġie eżegwit in parti sewwa u in parti ħażin, ġiet negata lill-appaltatur kull parti mill-prezz fuq il-motiv li x-xogħol ma kienx sar skont ma titlob is-sengħa. F'każijiet oħra, l-Qorti ordnat li titnaqqas, mis-somma li tiġi mħallsa, s-somma stmata mill-perit bħala kumpens għad-difett fix-xogħol." *(fn. 6 Cit. Nru. 1249/90, deċiża 27 ta' Ġunju 2002)*

*Il-prinċipju fondamentali li jemerġi mill-insenjament in materja, fuq ċitat, huwa illi min iwettaq biċċa xogħol li għaliha jkun ġie inkarigat, għandu obbligu jagħti riżultat tajjeb u ta' vantaġġ għall-klijent u wieħed li huwa konformi mal-ħtiġijiet tal-istess klijent, b'dan illi jekk jonqos li jagħti dan ir-riżultat, huwa jkun responsabbli għad-danni. Huwa għalhekk stabbilit illi l-appaltatur li jwettaq xogħol difettuż jew mhux skont is-sengħa u l-arti, liema xogħol ma jkollu ebda utilità għall-komittent, huwa responsbbli għad-danni kollha li jiġu minħabba dik l-eżekuzzjoni ħażina tax-xogħol. Il-korollarju ta' dan huwa li f'każ bħal dan, l-appaltant huwa intitolat jirreklama in linea ta' danni, kumpens għad-difetti riskontrati, liema kumpens jista' wkoll jikkonsisti, skont il-każ, fl-ispejjeż li kellhom jintefqu biex jiġu msewwija d-difetti riskontrati jew biex dak ix-xogħol jerġa' jsir utilment. (fn. 7 Dan il-prinċipju huwa wkoll rispekkjat fid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili, fejn jinsab stipolat illi meta l-appalt jigi terminat mill-komittent għal raġunijiet validi, l-appalttur ikollu dritt jirċievi l-ħlas biss ta' somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità lill-appaltant ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xoghol, kif ukoll wara li jittieħed qies tad-danni li dan ikun sofra.)*

*Dawn il-prinċipji sejrin jiġu applikati għall-fattispeċje tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum.*

*L-ilmenti tal-konvenut dwar ix-xogħol eżegwit mis-soċjetà attriċi jistgħu jiġu sintetizzati kif ġej:-*

- *Pumi tal-bibien u twieqi kollha jridu jinbidlu;*
- Insect door *għalkemm ġie ordnat baqa' ma ġiex istallat;*
- *Il-kulur tal-ħġieġ tal-gallarija ma jaqbilx mal-kumplament tal-ħġieġ fl-istess gallarija;*
- *Il-ħġieġ li ġie istallat fil-bieb tal-kamra tal-banju huwa ħġieġ trasparenti meta dan kellu jkun ħġieġ matt* (opaque)*;*
- *Tieqa li ma tinfetaħx b'mod sħiħ fuq iċ-ċappetta tal-ġenb iżda biss fuq tilt;*
- *Ħsara b'titjir fuq* skylight*.*

*Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-konvenut fix-xhieda tiegħu semma biss il-ħsara fl-*iskylight*, il-kulur tal-ħġieġ tal-gallarija, il-ħġieġ tal-bieb tal-kamra tal-banju u l-pumi tal-aperturi.* ***Ma għamel l-ebda referenza għall-allegat difett fl-istallazzjoni tat-tieqa li ma tinfetaħx b'mod sħiħ u l-*****insect door** ***li baqa' ma ġiex istallat****.*

*Madankollu, għall-kompletezza, il-Qorti sejra tittratta l-ilmenti kollha li saret referenza għalihom fl-email mibgħut mill-konvenut fit-12 ta' Jannar 2018 (fn. 8 Dok. A, folio 43)*

*Jirriżulta mix-xhieda ta' Frederick Vassallo (fn. 9 Xhieda tas-27 ta' Jannar 2021) u Marlene Vassallo (fn. 10 Affidavit ta' Marlene Vassallo) li l-konvenut kien ilmenta dwar iż-żebgħa tal-pumi li skont hu kienet qed tingiref bl-użu. Mill-provi huwa stabbilit li s-soċjetà attriċi aċċettat li tibdel il-pumi kollha mhux għaliex aċċettat li kienu difettużi, iżda biex tikkuntenta lill-konvenut bħala klijent tagħha. Fil-fatt, dawn iż-żewġ xiehda ikkonfermaw illi l-pumi kollha ħlief għal wieħed, inbidlu u ġew istallati pumi ġodda fl-aperturi kollha. Ma jirriżultax mill-provi x'kienet ir-raġuni għala dan l-aħħar pum baqa' ma nbidilx iżda l-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-konvenut ma ressaq l-ebda prova kwalsiasi tal-allegat ħsarat jew difetti fil-pumi tal-aperturi u għajr għax-xhieda tiegħu innifsu, ma għandha quddiemha l-ebda ritratt jew evidenza oħra li tikkonforta l-allegazzjonijiet tiegħu fir-rigward ta' dan l-allegat difett.* ***Il-Qorti tqis illi min jallega li x-xogħol eżegwit fih difetti ta' din ix-xorta ma jistax jonqos milli jressaq,*** **de minimis*****, prova li turi b'mod konkret u oġġettiv id-difett lamentat jekk dan hu wieħed viżibbli.*** *Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tqisx li għandha tieħu iktar konjizzjoni ta' dan l-ilment.*

*Frederick Vassallo u Marlene Vassallo it-tnejn xehdu illi l-konvenut kien ilmenta wkoll dwar difett fl-istallazzjoni ta' waħda mill-aperturi li ġew istallati fil-proprjetà tiegħu. Kif ingħad, il-konvenut ma xehedx dwar dan l-allegat difett iżda mill-provi jirriżulta illi t-tieqa in kwistjoni ġiet istallata b'żewġ mekkaniżmi differenti ta' ftuħ: wieħed biex tinfetaħ fuq* side hinge *u ieħor biex tinfetaħ* tilted *u mix-xhieda l-Qorti fehmet illi t-tieqa ma tinfetaħx b'mod sħiħ fuq iċ-ċappetta tal-ġenb, għaliex taħbat ma' travu li b'hekk kien qed jinbarax. Iż-żewġ xiehda li ressqet is-soċjetà attriċi fissru illi l-konvenut kien mgħarraf dwar din il-problema mill-bidu nett meta kien qed isir il-kejl għall-manifattura tal-aperturi iżda skont Frederick Vassallo, huwa kien insista li din it-tieqa kienet* ***maħsuba biss biex tipprovdi ftit ventilazzjoni għall-kamra u xejn iktar u kien kuntent jekk tinfetaħ biss fuq*** **tilt**.

*Huwa minnu li in materja huwa prinċipju assodat illi l-appaltatur m'huwiex eżonerat milli jagħti prodott tax-xogħol li huwa siewi anke jekk fl-eżekuzzjoni tal-appalt ikun segwa l-istruzzjonijiet tal-kommittent.* ***Iżda f'dan il-każ jirriżulta mill-provi illi l-apertura in diżamina tinfetaħ b'mod sħiħ meta tinfetaħ fuq*** **tilt** ***u l-konvenut,***

***mgħarraf tempestivament dwar din il-limitazzjoni, aċċettaha. Kif diġà ngħad qabel, dan ma ġiex kontestat mill-konvenut fix-xhieda tiegħu u ma ressaq l-ebda prova fir-rigward ta' din it-tieqa.*** *B'mod speċifiku, l-allegazzjoni li saret fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut, illi t-tieqa kellha tiġi mwaħħla fuq in-naħa ta' barra u mhux man-naħa ta' ġewwa, ma jirriżultax mill-provi u kif ingħad, il-konvenut ma ressaq l-ebda provi kwalsiasi fir-rigward ta' dan l-allegat difett.*

*Għalhekk, mill-provi li għandha quddiemha l-Qorti ma jirriżultax li dan hu każ ta' istallazzjoni difettuża jew każ fejn il-prodott tax-xogħol ma pproduċa l-ebda vantaġġ siewi għall-klijent, iżda ta' xogħol li ġie mwettaq skont kif pattwit, ċioe' skont ftehim milħuq preventivament bejn il-partijiet, xogħol li ma jirriżultax li ma kellu l-ebda utilità għall-ħtiġiet tal-klijent, kif jirriżulta mill-provi.*

*Fir-rigward tat-titjir li skont il-konvenut, ikkaġuna ħsara fuq wieħed mill-i*skylights *istallati mis-soċjetà attriċi waqt li l-addetti tagħha kienu qed jaħdmu fuq xogħol ta' ħadid fis-saqaf tal-post, il-Qorti tosserva illi l-konvenut ma kienx qajjem dan l-ilment fl-email li bagħat fit-12 ta' Jannar 2018 bl-elenku tan-nuqqasijiet u difetti oħrajn fl-istallazzjoni tal-aperturi li kien talab dak iż-żmien li jiġu msewwija. Skont is-soċjetà attriċi, l-ewwel darba li ġiet mgħarrfa b'din l-allegat ħsara kienet waqt il-laqgħa li saret mal-konvenut f'April jew Mejju 2019 bl-intervent tal-avukat tagħha. Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Frederick Vassallo illi fiż-żmien meta s-soċjetà attriċi wettqet ix-xogħol ta' istallazzjoni fil-proprjetà tal-konvenut, kien hemm xogħlijiet oħrajn għaddejjin fl-istess waqt peress li l-post kien għadu qed jitlesta.*

*Kif ingħad, l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega u f'dan il-każ kien jispetta lill-konvenut iressaq prova sodisfaċenti fuq bażi ta' probabbilità li huwa sofra d-danni minħabba negliġenza tas-soċjetà attriċi jew ta' persuni impjegati minnha. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti kienet tistenna mill-inqas li l-konvenut jipproduċi mhux biss ritratt tal-allegat ħsara iżda wkoll prova teknika li tistabbilixxi li dan l-allegat titjir ma jistax jitneħħa jew inkella stima jew riċevuta tal-ispejjez meħtieġa f'każ li din il-ħsara tissewwa. Madanakollu, għalkemm ma jirriżultax li huwa kien impedit milli jġib dawn il-provi, il-konvenut, rinfaċċjat biċ-ċaħda assoluta ta' responsabbiltà tal-parti kuntrarja, baqa' ma ressaq l-ebda prova kwalsiasi in sostenn tal-allegazzjoni tiegħu la biex juri f'hiex tikkonsisti l-ħsara fl-i*skylight *u lanqas biex jikkonvinċi lill-Qorti li din l-allegat ħsara hija riżultat ta' eżekuzzjoni kolpuża tal-appalt da parti tas-soċjetà attriċi.*

*In kwantu għall-ħġieġ fil-gallarija li l-kulur tiegħu allegatament ma jaqbilx mal-ħġieġ l-ieħor, is-soċjetà attriċi, filwaqt li jirriżulta li kienet disposta dak iż-żmien tibdel il-ħġieġ biex tikkuntenta lill-klijent, tiċħad l-allegazzjoni tal-konvenut li l-ħġieġ supplit kien differenti mill-bqija tal-ħġieġ tal-gallarija u saħqet li ma hemm ebda differenza*

*fil-kulur: Marlene Vassallo kkonfermat illi l-ħġieġ istallat fil-gallarija ġie kollu mill-istess* batch. *Il-Qorti rat ir-ritratt esebit mill-konvenut (fn. 11 Dok. CMX2, folio 148) fir-rigward iżda ma tqisx li dan jista' jagħti xi miżura ta' konfort lit-teżi tiegħu illi waħda mill-ħġiġiet tal-gallarija hija differenti mill-kumplament tal-ħġieġ: dan qed jingħad mhux biss għaliex mad-daqqa t'għajn il-kulur tal-ħġieġ kollu huwa identiku, iżda wkoll għaliex ir-riflessjoni tad-dawl tax-xemx tleqq fuq il-ħġieġa in diżamina, tagħmel kważi impossibbli l-identifikazzjoni ta' sfumatura differenti fil-ħġieġ (fn. 12 Ara fir-rigward, xhieda ta' Marlene Vassallo, 15 ta' Diċembru, 2021, spjegazzjoni a folio 153)*

*F'kull każ il-Qorti tqis li hija nieqsa prova sodisfaċenti li ġiet istallata ħġieġa ta' kulur differenti u li konsegwentement, ix-xogħol kif istallat huwa difettuż. Il-fatt illi s-soċjetà attriċi kienet disposta dak iż-żmien tibdel dan il-ħġieġ ma jsarrafx, fil-fehma tal-Qorti, f'ammissjoni ta' istallazzjoni ta' ħġieġ ta' kwalità differenti minn dak ordnat.* ***Dan qed jingħad għaliex mill-kumpless tax-xhieda huwa evidenti li din l-offerta kienet saret fi stadju fejn is-soċjetà attriċi kienet qiegħda tagħmel minn kollox biex tipprova takkomoda u tikkuntenta lill-klijent bl-intiża li finalment tiġbor il-ħlas tal-bilanċ dovut lilha fuq ix-xogħlijiet li hija wettqet għall-konvenut u mhux in linea ta' ammissjoni li x-xogħol sar ħażin****.*

*L-istess konsiderazzjoni tgħodd ukoll għall-offerta tas-soċjetà attriċi li tnaqqas is-somma ta' €1,000 (sussegwentement miżjuda għal €1,500) mill-bilanċ dovut mill-konvenut: mill-provi jirriżulta li din l-offerta saret in segwitu għall-ispedizzjoni tal-ittra legali lill-konvenut fil-11 ta' April 2019 (fn. 13 Kopja mhux iffirmata a fol. 92) u b'hekk saret unikament bl-iskop li tevita illi tistitwixxi proċeduri ġudizzjarji (fn. 14 Ara xhieda ta' Marlene Vassallo 17 ta' Mejju 2021, fol. 107) u għaldaqstant, il-Qorti tqis li s-soċjetà attriċi m'hijiex marbuta bl-offerta li għamlet u li din saret mingħajr ħsara għall-pożizzjoni legali tagħha.*

*Il-Qorti fehmet ukoll li minkejja li saru diversi tentattivi biex isir appuntament mal-konvenut għall-ispezzjoni ta' din il-ħġieġa partikolari biex jiġi determinat jekk l-ilment dwar il-kulur kienx ġustifikat, dan l-appuntament baqa' ma sarx għaliex ma seta' jsir ebda kuntatt mal-konvenut. Kif jirriżulta mix-xhieda ta' Marlene Vassallo u Frederick Vassallo, il-konvenut qatt ma kien disponibbli biex jagħmel appuntament fil-ħinijiet tax-xogħol tal-impjegati tagħhom u dan biex jiġu spezzjonati u okkorrendo jiġu msewwija d-difetti lamentati, tant illi minn Jannar 2018, irnexxielhom jagħmlu appuntament mal-konvenut biex jinbidlu l-pumiijiet, biss f'Ottubru 2018.*

*Għalhekk, il-Qorti ma tistax tqis bis-serjetà l-asserzjonijiet tal-konvenut li dawn id-difetti kienu tant sostanzjali li jiġġustifikawh ma jħallasx il-bilanċ dovut lis-soċjetà attriċi fis-somma ta' €6,957.94. Fil-fehma tagħha, biex il-konvenut jista' jitqies li huwa ġustifikat iżomm lura l-ħlas tal-bilanċ tax-xogħol appaltat f'każ li jiġu riskontrati*

*difetti mhux sostanzjali fix-xogħol jew xogħol ieħor mhux siewi, irid ikun dispost jagħti opportunità effettiva lill-kuntrattur li joffri jeżegwixxi t-tiswijiet, illi tassew jeżegwixxi dawn it-tiswijiet. Iżda l-inflessibilità manifestata mill-konvenut f'dan il-każ fuq perijodu konsiderevoli ta' żmien, fejn baqa' ma sabx imqar ġurnata waħda fost il-ġimgħa biex jakkomoda x-xogħol ta' tiswija meħtieġa minnu stess, magħdud dan in-nuqqas ta' provi oġġettivament riskontrabbli ta' dawn l-allegat difetti, tikkonvinċi lill-Qorti illi l-lanjanzi tal-konvenut mhux biss ma kienux sostanzjali iżda kienu probabbilment biss pretest biex idewwem kemm jiflaħ il-pagamenti tal-bilanċ dovut lis-soċjetà attriċi. Din il-fehma hija msaħħa mill-fatt illi evidentement, il-konvenut ma kienx iktar interessat f'dawn l-allegati difetti wara illi fit-22 ta' Novembru 2018 huwa kien biegħ il-proprjetà fejn saret l-istallazzjoni. (fn. 15 Ara kuntratt ta' bejgħ, Dok. CMX, folio 116.).*

*Għalkemm il-konvenut sostna li l-valur ta' dawn id-difetti jissupera l-bilanċ tal-ħlas mitlub mis-soċjetà attriċi u mix-xhieda ta' Marlene Vassallo il-Qorti fehmet ukoll li l-konvenut dak iż-żmien kien allega li huwa kellu jnaqqas il-prezz tal-bejgħ tal-proprjetà minħabba dawn id-difetti, fil-verità l-konvenut baqa' ma ressaq l-ebda prova konkreta fir-rigward. Fi kwalsiasi każ, il-Qorti tqis li jekk verament il-konvenut kellu jaċċetta tnaqqis fil-prezz tal-bejgħ tal-proprjetà minħabba xi difetti fix-xogħol istallat mis-soċjetà attriċi, huwa kellu kull opportunità jressaq lix-xerrej jew xi prova oħra biex jistabbilixxi x'wassal għall-allegat tnaqqis fil-prezz l-quantum ta' dan it-tnaqqis, u biex tieħu din l-allegazzjoni tal-konvenut b'xi qies ta' serjetà, il-Qorti kienet tistenna wkoll li l-konvenut jgħarraf lis-soċjetà attriċi bil-bejgħ prospettiv u jagħmel minn kollox biex jassigura li t-tiswijiet isiru tempestivament qabel il-bejgħ jew mill-inqas, iqabbadha max-xerrej ħalli jitwettqu x-xogħlijiet rimedjali u b'hekk jevita xi tnaqqis fil-prezz.* ***Iżda l-provi juru li l-konvenut ma għamel xejn minn dan u ma għamel l-ebda kuntatt mas-soċjetà attriċi tant illi irnexxielha tagħmel kuntatt miegħu biss wara li kienu għaddew sitt xhur oħra u dan wara li interpellatu għall-ħlas b'ittra legali****.*

*Għal dawn il-motivi kollha, il-Qorti m'hijiex tal-fehma li għandha tordna xi tnaqqis ta' xi ammont rappreżentanti danni sofferti mill-konvenut bi ħtija tal-attur, mill-ammont reklamat f'din il-kawża.*

*Ikkunsidrat;*

*Marlene Vassallo fix-xhieda tagħha, affermat illi l-*insect door *fil-fatt qatt ma ġie istallat u hija kienet naqqset il-prezz tiegħu mill-bilanċ dovut, waqt il-laqgħa li saret mal-konvenut f'Mejju 2019.*

*Ikkonfermat ukoll illi l-ħġieġa li ġiet istallata fil-bieb tal-kamra tal-banju minflok matta, kif ordnata mill-konvenut, kienet trasparenti u dan sar bi żball (fn*. 16 "Iva

kienet min-naħa tagħna żball kellha tiġi matta" *xhieda tal-15 ta' Diċembru 2021, fol. 155): din* "kellha tinbidel u naqqasnihielu mill-prezz ukoll" *(fn. 17 Xhieda ta' Marlene Vassallo, 17 ta' Mejju 2021. Ara wkoll xhieda ta' Marlene Vassallo in kontro-eżami, 20 ta' Ottubru 2021, fol. 141:* "Iva konna nafu bih u konna iġifieri għidnilu ħa nibdluh*"). Huwa ppruvat għalhekk illi din il-ħġieġa trasparenti saret inutilment u konformement, għal din il-partita xogħol is-soċjetà attriċi m'hijiex intitolata tippretendi ħlas.*

*Mill-provi jirriżulta illi l-prezz ta' dawn iż-żewġ* items*, ċioe' l-*insect door *u l-ħġieġa trasparenti, ma ġiex effettivament imnaqqas mill-kont minkejja illi Marlene Vassallo ikkonfermat fix-xhieda tagħha illi matul il-laqgħa li kellha mal-konvenut f'Mejju 2019 hija* ***aċċettat li kellha tnaqqas il-prezz taż-żewġ* items *fis-somma komplessiva ta' €365****. Fil-fatt, is-somma mitluba fir-Rikors promotur, ta' €6,957.94 hija l-istess somma indikata bħala dovuta fl-*istatement of account *datat 12 ta' April 2019 (li preżumibbilment saret referenza għaliha fl-ittra legali li ġġib l-istess data).*

*Il-Qorti fehmet illi s-soċjetà attriċi tat raġun lill-konvenut fuq dawn iż-żewġ ilmenti partikolari (diversament mill-ilmenti dwar il-ħġieġ tal-gallarija, it-tieqa, il-ħsarat fuq l-i*skylight *u l-pumi) u għaldaqstant, fin-nuqqas ta' provi kuntrarji imressqa mill-konvenut dwar il-valur tal-imsemmija oġġetti, is-somma ta' €365 rappreżentanti dawn iż-żewġ items għandha titnaqqas mill-ammont mitlub fir-Rikors promotur.*

*Il-Qorti, meta qieset il-valur totali tal-appalt mogħti lis-soċjetà attriċi – anke in kwantu biss it-tieni ordni - ma taqbilx li dawn iż-żewġ nuqqasijiet huma ta' xi entità li tiġġustifika l-pretensjoni tal-konvenut, kif propagata fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, li ma jħallas xejn mill-bilanċ pretiż mis-soċjetà konvenuta.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi l-konvenut jallega illi huwa ħallas uħud mill-ammonti li qegħdin jiġu reklamati mis-soċjetà attriċi fir-Rikors promotur.*

*Fir-rigward, Marlene Vassallo ikkonfermat illi ż-żewġ pagamenti li rċeviet mingħand il-konvenut fis-somma totali ta' €13,241, ġew allokati biex jiġu saldati l-*invoices *1042-16AF (€11,949.97), 270-17RA (€197.63) u 269-17RA (€1,093.86). Wara li nħlew diversi seduti f'din il-kawża biex jiġi stabbilit x'*invoices *ġew imħallsin u l-allokazzjoni tal-pagamenti li wettaq il-konvenut – prova mhux daqstant rilevanti meta wieħed iqis li fir-Risposta tiegħu il-konvenut ma kienx qajjem eċċezzjoni* ad hoc *fir-rigward – il-Qorti tqis li d-dokumenti esebiti fl-atti, fosthom* transaction history sheets, invoices *u* statements of account*, juru inkonfutabbilment illi l-pagamenti kollha li wettaq il-konvenut perijodikalment, inklużi l-pagamenti f'kontanti ta' €500 u ta' €1,000 (fn. 18 Dawn il-pagamenti saru għal xiri tal-ewwel* skylight *mingħand is-soċjetà attriċi u*

*mhumiex inklużi fl-i*statement of account *bil-bilanċ mitlub f'din il-kawża, għaliex il-pagamenti tal-ewwel ordni ta' xogħol, ġew saldati kollha. Ara xhieda ta' Marlene Vassallo, 30 ta' Marzu 2022 u dokumenti formanti parti minn Dok. X3 ippreżentati 17 ta' Frar 2022 u dokument formanti parti mit-*transaction history *ippreżentat b'nota fit-28 ta' April 2022), ġew debitament allokati kontra d-diversi fatturi li nħarġu matul is-snin 2015 sa 2017 għax-xogħlijiet ordnati mill-konvenut. Huwa wkoll abbundantement ippruvat illi l-partiti ta' xogħol indikati fl-i*statement of account *(fn. 19 Folio 2,* statement *anness mar-Rikors promotur. Ara wkoll Dok. X4 (ippreżentat mill-konvenut b'nota tas-17 ta' Frar 2022) u Dok. 4 folio 164 tal-atti) bħala RFP664-16AF (€1,003), RFP120216LC (€1,459.66), RFP1263-17AF (€873.20) u parti minn RFP1822-17LC (fn. 20 F'din ir-*request for payment *hemm inkluż il-prezz tal-ħġieġ tal-gallarija u l-prezz tal-ħġieġ tal-bieb tal-kamra tal-banju), fis-somma komplessiva ta' €6,957.94, jirrappreżentaw ix-xogħol mhux imħallas u l-Qorti hi sodisfatta li dan il-bilanċ huwa dovut mill-konvenut.*

*Biex tiġi trattata l-allegazzjoni tal-konvenut, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, li l-invoice 270-17RA kienet ġiet imħallsa kollha, il-Qorti fliet id-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti kif ukoll ix-xhieda ta' Marlene Vassallo u fehmet illi għalkemm hu minnu li mill-pagament fis-somma komplessiva ta' €13,241.45, kien ġie akkreditat l-invoice 270-17RA, dan sar biss in parti bl-applikazzjoni tas-somma ta' €1,291.48 li kien fadal wara li mill-imsemmi pagament ġie saldat l-invoice INV1042-16AF (fn. 21 Fis-somma ta' €11,949.97 – vide dokumenti annessi man-nota tas-soċjetà attriċi tat-28 ta' April 2022). Dan il-bilanċ kien ġie applikat biex jissalda biss l-*entry "tiles" *in kwantu għas-somma ta' €197.63 (fn. 22 Kif jirriżulta minn dok. X4 (esebit minn Marlene Vassallo fix-xhieda tagħha tal-15 ta' Diċembru 2021), fol. 162), mill-ammont totali dovut fuq dan l-invoice. Il-kumplament, fis-somma ta' €969.44 (wara li tnaqqas l-ammont ta' €33.56 rappreżentanti* return *jew skont (fn. 23 Ara Dok. X1, fol. 159), baqa' dovut fuq l-istess invoice 270-17RA u ġie kompriż fl-i*statement of account *datat 12 ta' April 2019 taħt l-entry "RFP664-16AF".*

*Il-konvenut filwaqt li fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, insista tramite l-abbli avukat tiegħu li huwa m'għandux iħallas is-somma ta' €969.44 għaliex is-soċjetà attriċi nnifisha affermat li l-invoice 270-17RA ġiet imħallsa, evidentement naqas milli jieħu in konsiderazzjoni l-fatt li Marlene Vassallo xehdet li l-invoice 270-17RA ġiet imħallsa in kwantu għas-somma ta' €197.63 u mkien ma qalet li dan l-invoice ġie mħallas ukoll in kwantu għas-somma ta' €969.44. Fil-fatt, il-konvenut naqas milli juri li dan l-ammont, ċioe' ta' €969.44 ġie effettivament mħallas minnu u ma jirriżultax li din l-allegazzjoni kienet fost dawk il-materji li ġew diskussi fil-laqgħa li saret bejn il-*

*partijiet qabel ġew intavolati dawn il-proċeduri u lanqas fost l-eċċezzjonijiet mqajma mill-konvenut fir-Risposta tiegħu.*

*Kif ingħad iżda, mill-bilanċ dovut mill-konvenut kif muri fl-i*statement of account *datat 12 ta' April 2019, għandu jitnaqqas l-ammont ta' €365 rappreżentanti l-prezz ta'* insect door *li baqa' qatt ma ġie istallat kif ukoll il-prezz tal-ħġieġ trasparenti tal-bieb tal-kamra tal-banju li ma ġiex istallat skont l-istruzzjonijiet tal-konvenut. Dan ifisser li l-konvenut għandu jagħti lis-soċjetà attriċi s-somma ridotta ta' €6,592.94."*

**<u>L-Appell</u>**

7. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-14 ta' Novembru, 2022 fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

*"... jogħġobha fl-ewwel lok tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza hawn appellata* in parte *datata t-12 ta' Novembru 2020 billi tilqa' l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-appellant u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-kawża fuq il-mertu jew fin-nuqqas tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi fuq il-mertu tal-24 t'Ottubru 2022 u minflok tgħaddi sabiex tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat illum l-appellant, tiċħad it-talbiet attriċi u konsegwentement tiddikjara li l-istess appellant m'għandu jagħti ebda ammont lis-soċjetà appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata."*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti (A) fir-rigward tas-sentenza parzjali: ir-raġunament tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-fornitura tal-materjal ma jreġix u mhux kompatibbli mal-para. (a) tal-artikolu 2148 tal-Kap. 16; (B) fir-rigward tas-sentenza fil-mertu: (i) din hija nulla għaliex l-ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni r-raba' eċċezzjoni tiegħu dwar l-imgħax; (ii) l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta ordnat li huwa għandu jħallas l-imgħax mid-data tal-preżentata tar-rikors; (iii) għalkemm l-ewwel Qorti aċċettat l-argument tiegħu li l-ebda ammont m'għandu jkun dovut jekk ix-xogħol kien bla użu u mhux skont

is-sengħa u l-arti, din waslet għall-konklużjoni li huwa xorta waħda għandu jħallas; (iv) kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel Qorti, id-dokumenti mitluba minnu ma kienux ħela ta' ħin jew ta' seduti.

8. L-appellat wieġeb fil-5 ta' Diċembru, 2022, u aktar tard ippreżenta kopja informali tar-risposta tiegħu permezz ta' nota waqt l-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2023, fejn talab sabiex din il-Qorti tiċħad l-aggravji u l-appell tal-appellant, u tikkonferma s-sentenza parzjali u anki s-sentenza fil-mertu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontrih.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmulin mis-soċjetà appellata fir-risposta tagħha.

*L-aggravju dwar is-sentenza parzjali:*

*[l-argument tal-ewwel Qorti mhux kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-para. (a) tal-artikolu 2148 tal-Kodiċi Ċivili]*

9. L-appellant jikkontendi li l-mod kif irraġunat l-ewwel Qorti ma jreġix, u lanqas m'huwa kompatibbli mad-disposizzjonijiet tal-para. (a) tal-artikolu 2148 tal-Kodiċi Ċivili. Isostni li l-mertu tal-azzjoni odjerna jaqa' proprju fil-parametri stabbiliti minn dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi, li jkopru xogħol *"ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet*

*tagħhom, jew tal-materjal li jfornu",* u għalhekk ma jistax jiġi mifhum kif l-ewwel Qorti skartathom. Filwaqt li jirrileva li skont l-ewwel Qorti d-disposizzjonijiet applikabbli kienu dawk imfissra fil-para. (a) tal-artikolu 2149 tal-Kodiċi Ċivili, din ma nvestigatx l-eċċezzjoni tiegħu, billi minflok argumentat li l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni hija nkompatibbli mal-eċċezzjoni ta' xogħol ħażin u mhux skont is-sengħa u l-arti, u b'hekk ċaħditha. Jissottometti li jidher li l-ewwel Qorti fixklet l-eċċezzjoni tiegħu li twassal sabiex l-appaltatur m'għandu jieħu xejn, mal-eċċezzjoni ta' dannu/kreditu eżaġerat fejn ikun hemm ammissjoni li hemm dovut xi ammont, iżda mhux dak pretiż. L-appellant jikkontendi li ma kien hemm xejn kontradittorju fiż-żewġ eċċezzjonijiet li huwa kien qiegħed jagħti, għaliex it-tnejn kienu jfissru li xejn ma kien dovut. Huwa hawnhekk jagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Consiglio Livori *vs.* Jacksons Company Limited**.[1] Jissottometti li permezz tal-eċċezzjoni tiegħu, huwa ma kienx qed jeċċepixxi li kien hemm xi ammont dovut jew li l-ammont mitlub huwa wieħed eċċessiv, iżda huwa kien qed jikkontendi li m'għandu jagħti xejn. Huwa jiċċita dak li qal fix-xhieda tiegħu waqt l-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2019, li ma kellu jagħti xejn *"Għax il-ħsara li għamluli kienet ikbar, ikbar milli allura m'għandi nħallas xejn jien",* u jistaqsi kif l-ewwel Qorti setgħet tikkunsidra li hawnhekk huwa kien qiegħed jikkontradixxi l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni. B'hekk isostni li l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra jekk l-azzjoni hijiex tassew preskritta. Minn hawn huwa jgħaddi sabiex jispjega għaliex filfatt l-imsemmija azzjoni għandha titqies bħala waħda preskritta, anki billi jagħti d-dati tal-fatturi relattivi u billi jagħmel riferiment għax-xhieda tar-rappreżentant tar-Reġistratur tal-Qorti, li xehed li ma kien hemm l-ebda ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju ppreżentati fil-

[1] App. 27.05.15.

konfront tiegħu mis-soċjetà appellata. B'hekk jgħid li jirriżulta li *ai termini* tal-para. (a) tal-artikolu 2148 tal-Kap. 16 u anki tal-para. (a) tal-artikolu 2149, l-azzjoni għandha tiġi meqjusa bħala preskritta.

10. Is-soċjetà appellata tibda billi tissolleva l-ewwel punt tagħha fejn tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Mizzi noe *vs.* Joseph Delicata pro et noe** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-14 ta' Ottubru, 1954, in sostenn ta' dak deċiż mill-ewwel Qorti, li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik stabbilita permezz tal-para. (a) tal-artikolu 2149 tal-Kodiċi Ċivili. Tiċċita dak li qalet ukoll il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Frar, 2001 fl-ismijiet **A.F. Ellis Limited *vs.* Michael Said** fir-rigward tal-istess kwistjoni, u tgħid li m'hemmx dubju li r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet kienet dik stabbilita taħt l-imsemmija disposizzjonijiet, u li l-ewwel Qorti kienet korretta meta warrbet dak li jipprovdi għalih il-para. (a) tal-artikolu 2148 tal-Kap. 16. Dwar l-inkompatibilità tal-eċċezzjonijiet li hija tagħmel riferiment għaliha bħala t-tieni punt li qiegħda tqajjem, jaċċetta li hawnhekk l-appellant għandu raġun meta jgħid li huwa ma ressaqx eċċezzjoni li l-ammont reklamat kien wieħed eċċessiv. Iżda waqt il-ġbir tal-provi dwar l-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-appellant għamel diversi dikjarazzjonijiet li permezz tagħhom huwa ġab fix-xejn l-istess eċċezzjoni. Tgħid li f'ħin minnhom huwa saħansitra xehed li *"għax il-ħsara li għamluli kienet ikbar, ikbar milli allura m'għandi nħallas xejn jien".* B'hekk huwa hawn kien irrikonoxxa d-dejn tiegħu u kien saħansitra qiegħed jippretendi tpaċija. Is-soċjetà appellata ċċitat dak li qalet il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **John Camilleri et *vs.* Charles Vassallo**[2] dwar l-inkompatibbiltà tal-

[2] 29.09.2011.

eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u dik tat-tpaċija. Tirrikonoxxi li l-appellant ma eċċepix formalment it-tpaċija, iżda dan ma kienx ifisser li huwa ma esprimiex li dan huwa proprju li kien qed ifittex. Tirrileva li iżda li hemm ukoll diversi sentenzi oħra dwar l-inkompatibbiltà ta' difiża ta' xogħol ħażin u dik tal-preskrizzjoni, u hawnhekk hija tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Anthony Galea *vs.* Wayne Ciantar** fit-30 ta' Jannar, 2019. It-tielet punt tas-soċjetà appellata jirrigwarda r-rikonoxximent tad-debitu. Tgħid li hawnhekk l-appellant jonqos milli jsemmi li huwa qed jirrikonoxxi d-debitu tiegħu billi jitlob għal xogħlijiet rimedjali jew *snags* għal dawk ix-xogħlijiet li kienu sarulu. Tirrileva li minn *fol. 43* tal-proċess, jirriżulta li huwa kien bagħat lista ta' xogħlijiet li skont hu ma kienux tlestew. Filfatt kif irriżulta mill-provi, wara t-12 ta' Jannar, 2018 hija kienet eżegwiet xi xogħlijiet skont l-istruzzjonijiet tal-appellant, u skont l-affidavit ta' Maria Vassallo a *fol.* 40 tal-proċess, fid-9 ta' Ottubru, 2018 hija kienet marret biddlet xi pummijiet tal-bibien, u dan ma kienx ġie kkontestat. Tikkontendi li meta mbagħad saret il-kawża odjerna seba' xhur wara, dan kien jikkostitwixxi rikonoxximent tal-obbligazzjonijiet reċiproċi tal-partijiet. fejn l-appellant kien qed jippretendi li x-xogħlijiet ma kinux tlestew, u skont hu fid-9 ta' Ottubru, 2018 dawn kienu tkomplew mill-ħaddiema tagħha. Għalhekk it-terminu tal-preskrizzjoni ma seta' qatt jibda jiddekorri għajr minn meta hija kienet kompliet xi xogħlijiet li għalihom issa qed titlob il-ħlas, li huwa skont dak li jipprovdi għalih l-artikolu 2317 tal-Kodiċi Ċivili. B'hekk l-ewwel Qorti sewwa għamlet meta ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Ir-raba' punt li tissolleva s-soċjetà appellata fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, huwa li l-appellant naqas li jħares ir-rekwiżiti tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, billi ma qalx b'mod sempliċi

li huwa mhuwiex debitur tagħha. Hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Western Company Limited *vs.* Vincent Bonello et**[3], u ssostni li l-appellant għamel diversi dikjarazzjonijiet fil-proċeduri odjerni li waqqgħu l-effikaċja tal-preskrizzjoni eċċepita. Għalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta caħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

11. Il-Qorti tgħid li l-ewwel Qorti kienet korretta meta ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-appellant, anki fir-raġunament tagħha li wassal għal din id-deċiżjoni. Bdiet billi qabel xejn għarfet li l-appellant kien qed jeċċepixxi l-preskrizzjoni *ai termini* tal-para. (a) tal-artikolu 2148, iżda wkoll skont il-para. (a) tal-artikolu 2149 tal-Kodiċi Ċivili. Irrilevat li kien paċifikament ritenut li meta ssir eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, il-Qorti hija tenuta qabel xejn li tinvestiga jekk il-preskrizzjoni eċċepita hijiex opponibbli għat-talba u għall-azzjoni kif magħmula, u minn hemm tgħaddi sabiex tistabbilixxi d-data li fiha beda jiddekorri t-terminu preskrittiv u jekk dan ġiex sospiż jew interrott. Għarfet tajjeb ukoll li minħabba n-natura odjuża tal-eċċezzjoni in kwistjoni, għandha tingħata interpretazzjoni u tifsira restrittiva tagħha, u kull dubju dwar l-applikabbilità taż-żmien preskrittiv għandu jmur kontra min jeċċepixxi l-preskrizzjoni.

12. Wara li l-ewwel Qorti ddikjarat li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li għalkemm is-soċjetà appellata kienet ġiet inkarigata mill-appellant sabiex timmanifattura u tissupplixxi xogħol konsistenti fost affarijiet oħra f'bibien u aperturi tal-*aluminium* jew tal-PVC, hija kienet forniet ukoll il-materjal sabiex

[3] 07.07.2022.

jiġu manufatturati l-imsemmija oġġetti, materjal ta' injam, ħġieġ u *sliding net,* imbagħad għaddiet sabiex spjegat id-distinzjoni li dejjem saret mill-Qrati bejn id-disposizzjonijiet tal-para. (a) tal-artikolu 2148 u dawk tal-para. (a) tal-artikolu 2149 tal-Kap. 16. Iċċitat is-sentenza riportata f'**Vol. XXXVIII P. III p. 710**, u qalet li kien ċar li l-azzjoni tas-soċjetà appellata mhijiex milquta mill-preskrizzjoni *ai termini* tal-para. (a) tal-artikolu 2148 tal-Kap. 16, għaliex in-negożju li sar kien wieħed ta' *locatio operis,* kif imfisser fl-artikolu 1633 tal-Kap. 16, fejn is-soċjetà appellata kienet ipprestat l-opra tagħha u anki l-materjal neċessarju, sabiex fl-aħħar mill-aħħar tissupplixxi l-prodott tax-xogħol jew *opus.* Il-Qorti taqbel ma' din il-fehma, u tgħid li m'hemmx dubju li l-pretensjoni għall-ħlas kif vantata mis-soċjetà appellata ma tinkwadrax fil-para. (a) tal-artikolu 2148 tal-Kap. 16, li japplika biss għal dawk l-azzjonijiet ta' *"...ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara, u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu"* [enfażi tal-Qorti]. Għalhekk l-ewwel Qorti kkunsidrat li fil-każ odjern il-fattispeċji tal-każ kienu jaqgħu fl-ambitu tal-para. (a) tal-artikolu 2149 tal-Kap. 16.

13. Qalet li mbagħad kien jeħtieġ li jiġi kkunsidrat jekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tistax tirnexxi għaliex (a) kienet inkompatibbli mal-eċċezzjoni l-oħra tal-appellant dwar xogħol allegatament ħażin; u (b) l-appellant ma kienx ħares id-disposizzjonijiet tal-artikolu 2160 tal-Kap. 16; u (ċ) iż-żmien għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kien għadu ma ddekorriex. Dwar l-ewwel punt l-ewwel Qorti sewwa għarfet li llum huwa paċifiku li l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ma tibqax tgħodd fejn titressaq eċċezzjoni oħra inkompatibbli. Wara li ċċitat dak li qalet din il-Qorti kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet

**Peter Busuttil *vs.* Public Broadcasting Services Limited**[4], qalet li huwa wkoll rikonoxxut li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija kompatibbli biss mal-eċċezzjoni tal-ineżistenza totali tad-debitu. Qalet li l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-appellant li x-xogħol eżegwit ma sarx skont is-sengħa u l-arti u skont il-ftehim ta' bejn il-partijiet, kienu juru li l-appellant kien qiegħed jirrikonoxxi l-fatt li hemm xi debitu dovut, għalkemm mhux fl-ammont pretiż. Il-Qorti tikkondividi dan il-ħsieb, u tgħid li l-ewwel Qorti setgħet waqfet hemm, iżda minflok għażlet li tgħarbel sew ix-xhieda tal-appellant għal indikazzjoni ċara ta' dak li ried ifisser b'dawn l-eċċezzjonijiet l-oħra tiegħu, sabiex b'hekk jitwarrab kull dubju dwar dak li ried ifisser bihom. Wara li ddikjarat li din l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ma kinitx kompatibbli u rikonċiljabbli mal-eċċezzjonijiet l-oħra tal-appellant, irrilevat li l-insenjament dwar il-materja kien li l-konvenut ma jistax jeċċepixxi l-preskrizzjoni fejn jirriżulta li huwa ma jkunx ħallas il-prezz sħiħ. Hawnhekk iċċitat dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Burmarrad Commercials Limited *vs.* Claude Camilleri**.[5] L-ewwel Qorti rrilevat li l-appellant meta xehed waqt l-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2019, qal li *"...jiena ridt nirranġa imma jiena fuq ħsara mhux sa, ma għandix nippretendi li għandi nħallas",* u li in kontro-eżami mistoqsi jekk kienx għad fadal x'jitħallas fir-rigward tat-tieni ordni ta' xogħol, huwa ammetta li hekk kien il-każ, u qal li kien qed jistenna lis-soċjetà appellata sabiex issewwi d-difetti u x-xogħol ħażin tagħha. L-ewwel Qorti osservat li għalkemm l-appellant kien stqarr li ma kien hemm l-ebda bilanċ dovut lis-soċjetà appellata, meta ġie mistoqsi sabiex ifisser għaliex huwa spjega li *"għax il-ħsara li għamluli kienet ikbar, ikbar milli allura*

[4] 28.04.2004.
[5] 29.07.2016.

*ma għandi nħallas xejn jien".* Għalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta mbagħad aċċettat dak li kienet qiegħda tinsisti fuqu s-soċjetà appellata, jiġifieri li l-linja difensjonali tal-appellant kienet waħda ta' kunflitt mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u li għalhekk ma setgħetx treġi. L-ewwel Qorti ddikjarat li hija kienet ser tieqaf hemm, u li ma kinitx ser tgħaddi wkoll sabiex tikkunsidra s-sottomissjonijiet l-oħra tas-soċjetà appellata, li l-appellant ma kienx ħares ir-rekwiżiti tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili kif emendat bl-Att I u VII tal-2017, u jekk il-perijodu preskrittiv kienx iddekorra. Il-Qorti taqbel ma' dawn il-ħsibijiet tal-ewwel Qorti, u filwaqt li tagħmilhom tagħha, tgħid li m'għandha xejn iktar x'iżżid magħhom. Għalhekk issib mhux ġustifikat l-aggravju dwar is-sentenza parzjali tal-ewwel Qorti, u tiċħdu

*L-ewwel aggravju dwar is-sentenza fil-mertu:*

> *[is-sentenza hija nulla għaliex l-ewwel Qorti ma ħaditx konjizzjoni tar-raba' eċċezzjoni dwar l-imgħax]*

*It-tieni aggravju dwar is-sentenza fil-mertu:*

> *[l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta ordnat il-ħlas tal-imgħax mid-data tal-preżentata tar-rikors fis-6 ta' Mejju, 2019]*

12. L-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti ma ttrattatx ir-raba' eċċezzjoni tiegħu, u għalhekk huwa ma jafx ir-raġuni għad-deċiżjoni tagħha li tiċħad din l-eċċezzjoni. Għalhekk jinsisti li s-sentenza fil-mertu hija nulla. Dwar it-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li l-Qorti kienet żbaljata meta ordnat li l-imgħaxijiet għandhom jitħallsu mid-data tal-preżentata tar-rikors promotur stante: (a) dak li ġie eċċepiet permezz tar-raba' eċċezzjoni tiegħu; (b) li ma kienx

ikkontestat il-fatt li s-soċjetà appellata qatt ma bagħtet ittra uffiċjali; u (ċ) id-disposizzjonijiet tal-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili; (d) meta xehed ir-rappreżentant tar-Reġistratur tal-Qorti Ċivili, huwa wieġeb fin-negattiv meta mistoqsi jekk kienx hemm xi ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju; (e) jekk jirriżulta mhux ikkontestat li s-soċjetà appellata qatt ma nterpellatu għall-ħlas, l-imgħaxijet għandhom jiddekorru mid-data tas-sentenza u mhux mid-data li fiha nfetħet il-kawża.

13. Is-soċjetà appellata tgħid li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa għal kollox frivolu. Tikkontendi li fl-ewwel lok l-eċċezzjoni in kwistjoni hija waħda infondata, u l-istess huwa l-aggravju, u dan għaliex huwa daqstant ovvju li l-ewwel Qorti filfatt ikkunsidrat l-eċċezzjoni tal-appellant, tant li ddeċidiet li *"tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra fir-risposta tiegħu".* Iżda jekk għandu jiġi kkunsidrat li l-ewwel Qorti naqset milli tagħti r-raġunijiet tagħha, dan ma kienx iwassal għan-nullità tas-sentenza fil-mertu. Tikkontendi li l-imgħaxijiet għandhom dejjem jiddekorru mill-ewwel att ġudizzarju kif jitlob is-subartikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili, u hawnhekk l-appellant mhux qed jikkunsidra li r-rikors promotur stess huwa att ġudizzjarju fejn il-konvenut jissejjaħ għall-ħlas. Barra minn hekk, l-appellant saħansitra kien ġie interpellat qabel saret l-azzjoni, u dan permezz ta' ittri, fatturi, *emails* u anki ittra legali, iżda baqa' inadempjenti. Tinsisti li għalhekk l-imgħax għandu jiddekorri minn dakinhar li ġie ntavolat l-avviż promotur fil-konfront tal-appellant.

14. Il-Qorti taqbel mas-soċjetà appellata. Tgħid li bla dubju ta' xejn l-ewwel Qorti kkunsidrat ir-raba' aggravju tal-appellant, tant li ddeċidiet li l-imgħaxijiet kellhom jiddekorru biss mid-data tal-preżentata tar-rikors promotur. Dan fih

innifsu jikkostitwixxi att ġudizzjarju fejn qiegħda ssir talba għall-ħlas, u għalhekk kif sewwa ddeċidiet l-ewwel Qorti *ai termini* tas-subartikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili, l-imgħaxijiet għandhom jiddekorru minn dakinhar. Jista' jkun li l-ewwel Qorti ma kinitx daqstant ċara fir-raġuni li waslitha sabiex iddeċidiet l-eċċezzjoni tiegħu dwar l-imgħaxijiet, iżda dan tgħid il-Qorti ċertament ma jwassalx għan-nullità tas-sentenza fil-mertu.

15. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx dawn iż-żewġ aggravji ġustifikati u tiċħadhom.

*It-tielet aggravju dwar is-sentenza fil-mertu:*

> *[l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni storta li huwa għandu jħallas għal xogħol li hu ħażin u mhux skont is-sengħa u l-arti]*

16. L-appellant jispjega li t-tielet aggravju tiegħu huwa li filwaqt li l-ewwel Qorti ċċitat ġurisprudenza favur dak li huwa kien qiegħed jikkontendi, jiġifieri li l-ebda ammont m'għandu jitħallas għal xogħol li huwa bla użu għal min ordnah u mhux skont is-sengħa u l-arti, waslet għall-konklużjoni li huwa għandu jħallas għal xogħol ħażin u mhux skont is-sengħa u l-arti. Jgħid li t-talba tas-soċjetà appellata kellha tfalli stante li mill-provi jirriżulta li: (a) ix-xogħlijiet eżegwiti mis-soċjetà appellata ma sarux skont il-ftehim bejn il-partijiet u ma tlestewx kollha, iżda wkoll ma sarux skont is-sengħa u l-arti; (b) '*l-appalt ma jkunx ġie eżegwit sewwa';* u (ċ) is-soċjetà appellata ma tatx riżultat tajjeb ukoll għall-ħtiġijiet tal-klijent. Huwa jagħmel riferiment għall-*email* tiegħu tat-12 ta' Jannar, 2018 annessa mal-affidavit ta' Maria sive Marlene Vassallo, fejn huwa ġġustifika r-rifjut tal-ħlas għaliex kien għad fadal fost affarijiet oħra, li jinbidlu l-pummijiet

tal-bibien u tat-twieqi kollha. Jissottometti li jekk is-soċjetà appellata b'mod taċitu ammettiet li l-pumi kienu difettużi meta din kienet bidlithom kollha għajr wieħed minnhom, x'kellu jagħmel hu sabiex juri li l-imsemmija pumi kienu difettużi, u wieġeb li huwa ma kellu jagħmel xejn u din kienet it-tweġiba li kellha tasal għaliha l-ewwel Qorti u anki issa din il-Qorti. Filwaqt li jagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Daniel Debattista *vs.* Comfur (Malta) Limited (C 61818)**[6], jikkontendi li l-ewwel Qorti kienet tenuta tapplika l-istess insenjament hemm espress, jiġifieri li l-*handles* in kwistjoni ma kellhom l-ebda utilità, u għalhekk huwa ma kienx tenut iħallas tagħhom. Jissottometti li fid-dawl ta' dik li għandha titqies bħala ammissjoni min-naħa tas-soċjetà appellata, dan ta lok għal azzjoni intempestiva. Hawnhekk huwa jiċċita dak li qalet il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Ignazia Degabriele *vs.* George Calleja**.[7] Jgħid li dawn is-sottomissjonijiet tiegħu huma applikabbli fil-kuntest tan-nuqqasijiet tagħha l-oħra kif imfissra fl-*email* tiegħu tat-12 ta' Jannar, 2018. Jirrileva li l-kwistjoni tal-ħġieġ tal-gallarija u tal-bieb tal-kamra tal-banju fil-pjan terran kienet ġiet imwarrba għal kollox mill-ewwel Qorti, meta s-soċjetà appellata kienet lesta li tbiddlu, u kien irriżulta li hemm żewġ konsenji u tassew kien hemm differenza fil-kulur. Hawnhekk huwa jagħmel riferiment għax-xhieda ta' Marlene Vassallo, rappreżentanta tas-soċjetà appellata, u jiċċita silta mill-istess xhieda tagħha. L-appellant jgħid li l-konsiderazzjonijiet li tagħmel l-ewwel Qorti dwar il-kwistjoni tal-ħġieġ, ma kienux ireġu għaliex jekk il-kwistjoni kienet waħda tal-effett tad-dawl, u anki jekk jinbidel, il-problema fid-differenza tal-kulur kienet ser tibqa'.

[6] 26.04.2021.
[7] 30.06.2004.

Imbagħad l-appellant jgħaddi sabiex jittratta kwistjoni oħra, dik tat-tieqa li meta tinfetaħ din taħbat ma' travu. Huwa jagħmel riferiment għax-xhieda ta' Frederick Vassallo mogħtija waqt l-udjenza tas-27 ta' Jannar, 2021, u jinnega li kien hemm il-qbil bejn il-partijiet imsemmi hemm. Madankollu jgħid li l-ewwel Qorti straħet fuq din ix-xhieda mingħajr prova oħra, u jikkontendi li l-ftehim ma kienx kif imfisser mix-xhud. In sostenn tal-argument tiegħu, huwa jiċċita dak li qalet din il-Qorti kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Pierre Darmanin *vs.* Moira Agius et**.[8] Isostni li għalkemm l-ewwel Qorti aċċettat li fejn ix-xogħol ma jsirx skont is-sengħa u l-arti l-ebda ħlas m'huwa dovut, warrbet għal kollox dan il-prinċipju, u waslet għall-konklużjoni li huwa kellu jħallas għax-xogħol li kien ħażin u mhux skont is-sengħa u l-arti.

17. Min-naħa tagħha is-soċjetà appellata tilqa' billi ssostni li minn imkien għajr fir-rikors tal-appell tiegħu, ma tirriżulta l-insistenza tal-appellant li x-xogħol kien sar ħażin. Tgħid li l-imsemmi appellant kien ilmenta biss minn xogħlijiet partikolari, u għalhekk il-Qorti rriduċiet il-pretensjoni tagħha. Tagħmel riferiment għall-allegazzjoni tal-appellant li meta huwa kien biegħ il-fond, kien kostrett li jirriduċi l-prezz b'eluf ta' Euro minħabba x-xogħol ħażin, u tirrileva li għalkemm mitlub sabiex jesebixxi l-kuntratt ta' bejgħ, dan qatt m'għamlu, u pjuttost jirriżulta li l-ftehim kien sar abbażi tal-istess prezz. Tgħid li jekk tassew kien minnu li l-appellant bata danni daqstant kbar, kien ikun hu li jmexxi fil-konfront tagħha qabel ma ntavolat il-preżenti proċeduri. Is-soċjetà appellata tgħid li ġaladarba ġew indirizzati minnha l-ilmenti tal-appellant dwar xogħol difettuż, huwa ma kellu l-ebda raġuni mbagħad li jonqos li jħallas il-

[8] 06.10.2004.

prezz. Is-soċjetà appellata tissottometti li l-appellant jorbot l-allegat dritt li ma jħallas ma' dik il-parti tax-xogħol li huwa jqies li ma kellha l-ebda utilità għalih, iżda kif irriżulta mix-xhieda ta' Maria sive Marlene Vassallo, is-soċjetà appellata kienet lesta li tirriduċi l-prezz sabiex tirrifletti dan, u saħansitra l-ammont kien wieħed żgħir u kien proprju dak li l-ewwel Qorti applikat fis-sentenza appellata sabiex irriduċiet l-ammont pretiż. Dwar it-tieqa li l-appellant jgħid taħbat ma' travu meta tinfetaħ, dan jonqos milli jsemmi li huwa kien avżat, u d-debita prova ma kinitx ġiet ikkontestata minnu. Tirrileva li għalkemm l-appellant jinsisti li l-ewwel Qorti warrbet għal kollox il-provi tiegħu, filfatt huwa bilkemm kien ressaq xi prova, għajr għal dikjarazzjonijiet tiegħu stess, u dak li jgħid fir-rikors tal-appell tiegħu mhux ġdid għal dawn il-proċeduri. Hawnhekk is-soċjetà appellata tagħmel riferiment għal dak li sostniet diversi drabi din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, li *"Il-Qorti ta' Revizjoni ma għandhiex – bla raġuni gravi u impellenti tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti".* Tikkontendi li minn eżami tal-proċess ma jirriżultax li hemm xi raġuni gravi jew partikolari għaliex din il-Qorti għandha tiddeċiedi li l-ewwel Qorti ma kellhiex tasal għall-konklużjoni kif imfissra fid-deċiżjoni appellata, u li titlob li hija għandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha.

18. Il-Qorti tgħid li l-ewwel Qorti kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha. Filwaqt li dik il-Qorti għarfet liema huma d-difetti li l-appellant kien qed jilmenta minnhom skont kif dawn irriżultaw minn *email* tiegħu tat-12 ta' Jannar, 2018, irrilevat li waqt ix-xhieda tiegħu huwa ma semmiex il-problema li kellu bit-tieqa li ma setgħetx tinfetaħ kollha, u li l-*insect door* baqa' ma tqegħidx fil-lok. Hawnhekk hija mill-ewwel għaddiet sabiex ikkunsidrat ix-xhieda ta' Frederick Vassallo u ta' Marlene Vassallo fir-rigward taż-żebgħa tal-pumi, li skont l-

appellant kienet qiegħda tingiref bl-użu. Irrilevat li s-soċjetà appellata filwaqt li ma kinitx aċċettat li dawn kienu difettużi, offriet li tbiddilhom, kif filfatt għamlet għajr għal wieħed minnhom. Wara li qieset li ma kienet tirriżulta l-ebda prova dwar l-allegata ħsara jew difett fil-pumi ħlief għax-xhieda tal-appellant stess, ikkunsidrat li hija ma kellhiex tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ilment tiegħu. Il-Qorti tgħid li ma ssibx raġuni għaliex għandha tiċċensura din id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fid-dawl tan-nuqqas ta' provi prodotti min-naħa tal-appellant sabiex jissostanzja l-ilment tiegħu.

19. B'riferiment għal darb'oħra għax-xhieda ta' Frederick Vassallo u ta' Marlene Vassallo, l-ewwel Qorti qalet li dawn kienu spjegaw li l-appellant kien ilmenta minn difett f'waħda mill-aperturi li tqegħdu fil-proprjetà tiegħu. Irrilevat li l-appellant ma xehdx dwar dan id-difett, filwaqt li mix-xhieda ta' dawn iż-żewġ persuni kien irriżulta li huwa kien ġie mgħarraf bil-problema, iżda nsista li t-tieqa kienet intiża għal ventilazzjoni biss, u għalhekk kien kuntent li tinfetaħ biss permezz ta' *tilt.* Ikkunsidrat li l-appellant ma kienx ikkontesta dan, u saħansitra ma ressaq l-ebda prova dwar din it-tieqa partikolari, anki dwar l-allegazzjoni li huwa kien għamel fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li t-tieqa kellha titqiegħed fuq in-naħa ta' barra. Għalhekk l-ewwel Qorti ġustament waslet għall-konklużjoni li ma kien hemm l-ebda tqegħid difettuż jew li l-prodott ma kien ipproduċa l-ebda vantaġġ siewi għall-klijent, iżda sabet saħansitra li x-xogħol kien sar skont il-ftehim bejn il-partijiet, u li ma kienx jirriżulta mill-provi li ma kellu l-ebda utilità għall-ħtiġijiet tal-klijent. Hawnhekk ukoll il-Qorti tgħid li taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti, fejn għal darb'oħra l-prova min-naħa tal-appellant hija nieqsa.

20. L-ewwel Qorti mbagħad għaddiet sabiex ikkunsidrat l-allegata ħsara fuq l-i*skylight* li tqiegħed mis-soċjetà appellata stess, riżultat ta' allegat titjir fuqu waqt xogħol ta' ħadid fis-saqaf tal-fond. Osservat li dan ma kienx wieħed mill-ilmenti elenkati fl-*email* tal-appellant tat-12 ta' Jannar, 2019, iżda tqajjem iktar tard waqt laqgħa bejn il-partijiet f'April jew Mejju 2019. L-ewwel Qorti rrilevat li skont ix-xhieda ta' Frederick Vassallo, kien hemm diversi xogħlijiet oħra li kienu qegħdin isiru fil-fond fl-istess żmien meta hija kienet qiegħda tqiegħed ix-xogħol miftiehem. Irrilevat li l-appellant ma kien ressaq l-ebda prova dwar l-imsemmija allegata ħsara u dwar l-allegazzjoni tiegħu li din kienet riżultat tal-għemil tas-soċjetà appellata. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas min-naħa tal-appellant, l-ewwel Qorti hawnhekk ukoll sewwa kkunsidrat li ma tittrattax l-ilment tiegħu ulterjorment.

21. Dwar il-ħġieġ tal-gallarija li allegatament il-kulur tiegħu ma kienx qed jaqbel mal-kulur tal-ħgieġ l-ieħor, l-ewwel Qorti kkunsidrat li s-soċjetà appellata kienet saħansitra lesta dak iż-żmien li tbiddlu sabiex togħġob lill-klijent tagħha, iżda fl-istess waqt din kienet qiegħda tiċħad il-veraċità tal-allegazzjoni. Irrilevat li Marlene Vassallo fix-xhieda tagħha kienet ikkonfermat li l-ħġieġ kien ġie kollu mill-istess kunsinna, u b'riferiment għar-ritratt esebit mill-appellant, stqarret li r-riflessjoni tad-dawl tax-xemx fl-imsemmi ritratt ma kienx jippermetti li tiġi identifikata l-allegata differenza. Iddikjarat għalhekk korrettement li ma kien hemm l-ebda prova sodisfaċenti sabiex issostni l-allegazzjoni tal-appellant, u kkunsidrat li l-fatt li s-soċjetà appellata kienet lesta li tbiddel il-ħġieġ, ma setax jittieħed bħala ammissjoni ta' dak allegat minnu, għaliex osservat li l-offerta kienet saret proprju f'dak l-istadju fejn hija kienet qiegħda tittenta li tassew togħġob lill-klijent tagħha bil-għan li fl-aħħar mill-aħħar tiġbor dak dovut lilha.

Qalet li b'dan l-istess ħsieb is-soċjetà appellata kienet offriet li tnaqqas is-somma ta' €1,000 mill-bilanċ dovut lilha wara li rċeviet l-ittra legali tal-appellant tal-11 ta' April, 2019. Għalhekk ikkunsidrat li s-soċjetà appellata ma kinitx marbuta bl-offerta tagħha li kienet saret mingħajr ħsara għall-pożizzjoni legali tagħha. Dwar il-ħġieġ in kwistjoni, l-ewwel Qorti kompliet tgħid li għalkemm saru diversi tentattivi għal appuntament mal-appellant għall-fini ta' spezzjoni tiegħu, l-appuntament baqa' ma sarx għaliex ma setax isir kuntatt miegħu. Hawnhekk hija tagħmel riferiment għal dak li qalu x-xhieda Frederick Vassallo u Marlene Vassallo, u rrilevat li minn Jannar 2018, kien biss f'Ottubru 2018 li dawn irnexxielhom jagħmlu appuntament mal-appellant.

22. B'hekk l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li d-difetti ma kienux daqstant konsiderevoli li setgħu jiġġustifikaw li l-appellant kellu jonqos milli jħallas il-bilanc dovut lis-soċjetà appellata. Ikkunsidrat li l-appaltatur kellu jingħata opportunità effettiva sabiex dan jeżegwixxi t-tiswijiet, iżda l-ewwel Qorti għarfet li l-aġir inflessibbli tal-appellant, flimkien man-nuqqas ta' provi oġġettivi min-naħa tiegħu dwar l-allegati difetti, kien iktar minn kollox jindika li l-ilmenti tiegħu kienu ntiżi sabiex itawwal iż-żmien tal-ħlas tal-bilanċ. Hekk ukoll issostni din il-Qorti meta tikkunsidra dan kollu, li għal darb'oħra qiegħed jiġi ritenut f'dan l-istadju tal-appell. L-ewwel Qorti kompliet billi qalet li dan kollu kien sostanzjat bil-fatt li milli jidher, l-istess appellant ma baqax iktar interessat fl-allegati difetti wara li huwa biegħ il-proprjetà tiegħu fejn kien tqiegħed ix-xogħol lamentat. Osservat hawn li l-appellant ma kien ressaq l-ebda prova dwar l-allegazzjoni tiegħu li l-valur tad-difetti kien jaqbeż il-bilanċ dovu,t jew li kif irriżulta mix-xhieda ta' Marlene Vassallo, li huwa allegatament kellu jnaqqas il-prezz tal-bejgħ tal-proprjetà tiegħu meta ġie biex ibiegħha. B'hekk iddeċidiet li

ma kellu jsir l-ebda tnaqqis mill-prezz pretiż mis-soċjetà appellata. Iżda wara li kkunsidrat li skont ix-xhieda ta' Marlene Vassallo l-prezz tal-*insect door* u tal-ħġieġa tal-kamra tal-banju kellhom jitnaqqsu mill-ammont finali mitlub, iddikjarat li l-prezz tagħhom fis-somma ta' €365 kellu jitnaqqas mill-ammont pretiż. Għalhekk iddikjarat li l-ammont dovut mingħand l-appellant lis-soċjetà appellata kien ta' €6,592.94. Il-Qorti tikkondividi dawn il-ħsibijiet tal-ewwel Qorti, u filwaqt li tgħid li qiegħda tagħmilhom tagħha, tirrileva li m'għandha xejn iktar x'iżżid magħhom.

23. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx it-tielet aggravju tal-appellant ġustifikat, u tiċħdu.

*Ir-raba' aggravju dwar is-sentenza fil-mertu:*

*[kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel Qorti, id-dokumenti mitluba minnu ma kienux ħela ta' ħin jew ta' seduti]*

24. L-appellant igħid li l-ewwel Qorti jidher li kkunsidrat li eċċezzjoni ġenerika li l-ebda ammont ma kien dovut, mhijiex eċċezzjoni xierqa li permezz tagħha setgħet tintalab id-dokumentazzjoni bħal *transaction history sheets,* fatturi u rendikont. Jikkontendu li kuntrarjament għal dak li dehret li kienet qiegħda tgħid l-ewwel Qorti, it-talba għal dawn id-dokumenti ma kinitx tikkostitwixxi telf ta' żmien jew ta' seduti, għaliex din kienet il-prova neċessarja sabiex juri li huwa ma kellu jagħti xejn, fejn saħansitra huwa kien diġà ħallas għal dak mitlub. Minn hawn huwa jgħaddi sabiex jispjega għaliex l-ammont ta' €969.44 ma kienx dovut stante li dan diġà tħallas, iżda l-ewwel Qorti warrbet dak li saħansitra qalet is-soċjetà appellata stess.

25. Is-soċjetà appellata twieġeb billi tissottometti li dak li hawnhekk kienet ikkunsidrat l-ewwel Qorti, kien il-fatt li l-appellant naqas li jressaq prova li huwa tassew m'għandu jħallas xejn.

26. Il-Qorti tikkunsidra li l-ewwel Qorti kellha kull raġun li tikkumenta kif ġej:

> *"Wara li nħlew diversi seduti f'din il-kawża biex jiġi stabbilit x'*invoices *ġew imħallsin u l-allokazzjoni tal-pagamenti li wettaq il-konvenut – prova mhux daqstant rilevanti meta wieħed iqis li fir-Risposta tiegħu il-konvenut ma kienx qajjem eċċezzjoni* ad hoc *fir-rigward...".*

27. Tagħraf li l-eċċezzjonijiet tiegħu, kif ukoll l-appell odjern, juru biċ-ċar kemm l-appellant matul dawn il-proċeduri kollha, dejjem fittex ix-xagħra fl-għaġina sabiex jevita l-obbligu tiegħu għall-ħlas. Dak li kkunsidrat l-ewwel Qorti hawn fuq, huwa riflessjoni ċara tal-intenzjonijiet dubjużi tal-appellant fejn mill-eċċezzjonijiet tiegħu minn imkien ma jirriżulta li huwa kien qed jikkontesta kif is-soċjetà appellata waslet għall-ammont pretiż. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx dan l-aħħar aggravju ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza parzjali u s-sentenza fil-mertu fl-intier tagħhom.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li dawk tal-appell odjern għandhom ikunu wkoll a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**